MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 258/2014

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**

**VS**

**David Vella (ID 161781M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta'Ballut Blocks Services Limited tat-28 ta' Marzu 2014 li jaqra hekk:

1. *" Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' disgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il euro u tnejn u tmenin centezmu (€39,714.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kiri ta' makkinarju u kif ukoll prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "BBS 2" sa Dok. "BBS 10") u serje ta' delivery notes relattivi (Dok. "BBS 11");*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.*

3. *Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx.*

4. *Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

5. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l- Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l- provvedimenti kollha opportuni :*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il euro u tnejn u tmenin centezmu (€39,714.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kiri ta' makkinarju u kif ukoll prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "BBS 2" sa Dok. "BBS 10") u serje ta' delivery notes relattivi (Dok. "BBS 11");*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti ta’ Ballut Blocks Services Limited (C 8360) tat-28 ta’Marzu 2014 (a fol. 3);

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’rikorrenti u l-elenku ta’ dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-konvenut baqa’ kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Hamis 9 t’Ottubru 2014, li bih akkordat lill- konvenut terminu ta’ gimghatejn zmien sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi l-konvenut ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi minkejja illi fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2014 – vide fol. 101, l-Avukat difensur tal-intimat David Vella informat lil Qorti li l-istess Vella x’aktarx se jametti it-talbiet atttrici u li l-partijiet kienu qeghdin jipprovaw jasslu ghal modalita’ tal-hlas, l-intimat David Vella u l-avukat tieghu naqqsu milli jidhru b’mod ripetut u ebda gistposta guramentata ma giet intavolata. Illi l-Qorti rat ix-xhieda ta’ Etienne Zammit a fol. 101 et seq li ikkonferma l-ammont dovut u cioe dak ta’disgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il euro u tnejn u tmenin

centezmu (€39,714.82), u li mid-data tar-rikors promotur il-quddiem ma sar ebda pagament akkont. Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il euro u tnejn u tmenin centezmu (€39,714.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kiri ta' makkinarju u kif ukoll prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "BBS 2" sa Dok. "BBS 10") u serje ta' delivery notes relattivi (Dok. "BBS 11");

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------